Kitba ta' Chev. Mario Coleiro K.S.J.



# Viżti Pastorali ġewwa s-Siġġiewi

Meta wieħed ikun irid jislet l-istorja ta' xi parroċċa f'pajjizna bilfors ikollu jħares lejn id-dokumenti li jinsabu fl-arkivji tal-parroċċi. Ma' dawn wieħed jista' jifli wkoll dokumenti u rapporti li kienu jagħmlu diversi isqfijiet fil-knejjes u l-parroċċi tagħna. Mill-viżti pastorali wieħed jista' jislet ħafna informazzjoni utli fuq il-parroċċa u saħansitra fuq il-knejjes filjali tagħha li kienu fil-limiti ta' l-istess parroċċa. Barra informazjoni fuq l-istat tal-knisja nistgħu nsibu wkoll deskrizzjoni ta' l-opri ta' arti li jżejnu l-knisja u tal-bżonnijiet li kienet teħtieġ.

Fis-Siġġiewi saru ħafna minn dawn il-viżti u għalhekk għandna ħafna informazzjoni. L-ewwel viżta li nafu biha hija dik li l-isqof **Senatore De Mello** għamel fl-1436. Dan kien kważi mitt sena qabel ġew il-Kavallieri. Minn din il-viżta nafu li s-Siġġiewi kien diġà stabbilit bħala parroċċa taħt il-patroċinju ta' San Nikola ta' Bari.Il-Kappillan dak iż-żmien kien Dun Enrico Callus. Il-parrocca tas-Siġġiewi kienet tiġbor magħha l-irħula zgħar ta' Ħal Xluq, Ħal Kbir, Ħal Niklusi u Ħal Kdieri. Jidher li din il-knisja kienet waħda mdaqqsa u miżmuma tajjeb; kienet meqjusa bħala knisja sabiħa. Viżta appostolika li ħallitilna ħafna informazjoni utli kienet dik li għamel Monsinjur **Pietru Dusina** għaxar snin biss wara l-Assedju l-Kbir, jiġifieri fl-1575. Minn din il-viżta nafu li meta saret, Dusina kien waqqaf il-fratellanza tas-sagrament f'din il-parroċċa. Il-Knisja kellha seba' artali li kollha kellhom prokuratur tagħhom. Il-knisja kienet iddekorata fuq stil korintu speċjalment il-prospettivi ta' l-artali. Il-Kappillan kien Dun Giacomo Calleja. Fl-1594 saret il-viżta pastorali mill-isqof **Tumas Gargallo** li barra li jaħħtina deskrizzjoni tajba tal-knisja, isemmi wkoll il-knejjes l-oħra li konna nsibu fit-territorju tar-raħal. Dak iż-żmien kien qiegħed immexi l-parrocca l-kappillan Dun Giovannello Falsani. L-isqof **Balthasar Cagliares** għamel jara fil-knisja fil-1625 meta bħala kappilla kien hemm Dun Gio Domenico Farrugia. F'din iż-żjara jgħidilna li l-knisja



L-Isqof Tumas Gargallo



L-Isqof Giacomo Molina



L-Isqof Alpheran de Bussan

kienet miżmuma tajjeb u kellha bosta fratellanzi. L-isqof jinnota wkoll li l-artal tal-knisja kien komplut b'kollox. Wara din il-viżta naraw li l-poplu tas-Siġġiewi beda jaħseb biex jibni knisja ġdida peress li dik eżistenti kienet bdiet turi xi ħsarat fis-saqaf u kienet saret żgħira għall-poplu tar-raħal li kien dejjem jikber. Fil-1682 saret viżta pastorali oħra fir-raħal, din id-darba mill-isqof **Giacomo Molina**. Minn din il-viżta naraw li l-isqof jikkummenta li l-knisja l-gdida kienet għadha kemm tbierket. L-isqof jgħidilna wkoll li l-artali kollha kellhom il-kwadri tagħhom u kien hemm ħafna fratelli membri fil-fratellanzi. Il-kappillan f'dan iż-żmien kien Dun Domenico Farrugia. Isqof ieħor li faħħa ħafna l-knisja parrokkjali kien l-isqof **Alpheran de Bussan** li fl-1729 meta kien kappillan Dun Salvatore Tabone kien ikkonsagraha solennament. Dan l-isqof kellu kliem ta' tifħir għas-sbuħija tal-knisja u għal kif kienet iddekorata.

Naturalment meta wieħed jifli dawn id-dokumenti jista' joħroġ ħafna iktar informazjoni fuq il-knisja u s-sitwazjoni tal-parroċċa. F'dan l-artiklu aħna elenkajna dawk il-viżti li l-iktar baqgħu imsemija iżda nafu li ma' dawn saru ħafna iktar li l-informazzjoni tagħhom tinsab merfugħa f'diversi arkivji.

Cd ġdida b'innijiet ta' tifħir lil San Nikola

bit-titlu **'Lilek Nikola'**

tista' takkwista kopja mingħand

il-membri tal-Grupp ta' l-Armar għal €3.50 biss